**MINUTI**

**Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa b'Urġenza Numru 09

**17 ta' April 2020**

**Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex iltaqa' online permezz ta' Microsoft Teams, fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Oriana Calleja – Viċi Sindku**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti - Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

**Ronald Portelli – Kunsillier**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

## 9.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

**9.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Ronald Portelli li ma setatx jattendi għal-laqgħa minħabba raġunijiet ta' qtugħ ta' linja tat-telefon. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux isir nuqqas fl-*allowance*.**

## 9.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

**9.2.1 Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.**

**Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.**

## 9.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

**9.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-*invoice* li bagħtulna l-*Wasteserv* u l-*invoice* tal-organiku li bagħtilna s-Sur Steve Farrugia li jiġbrilna l-iskart mhux qed jaqblu. Hija spjegat li kemm il-darba ġibdiltu l-attenzjoni biex iġibilna l-*job cards* ta' meta mar jarmi l-*Wasteserv* imma qatt ma sar dan.**

**Il-Kunsill qabel li dan jitħallas *pro rata* u hekk il-quddiem jipprovdilna l-*job cards* nħallsuh.**

**9.3.2 Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-pagamenti, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier Louise Cachia Castelletti ipproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Oriana Calleja ssekondat.**

**Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.**

## 9.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

**9.4.1 Is-Sindku qal minħabba sitwazzjoni tal-COVID-19 beda jaħdem biex jara kif jista jgħin lill-anzjani ta' Ta' Xbiex. Huwa qal li għandu opportunita' li jagħmlu *catering* mal-privat u offrowlu li hekk aħna nġibu xi *sponsor* ta' prodotti nkunu nistgħu nagħtu ikla b'xejn lil anzjani kollha u jagħmlulna *delivery*. Fl-istess ħin aħna jkollna opportunita' li mad-*deliveries* nqasmu xi informazzjoni tal-kunsill bħal lista tal-ħwienet li qed jagħmlu**

***deliveries*** **minħabba li mhux l-anzjani kollha għandhom aċċess għal *internet* jew *facebook*.**

**Il-Kunsill qabel li nippruvaw nsibu *sponsors* u hekk ma nsibux nagħmlu *budget* ta' €2000 u jinħarġu mil-fondi tal-kunsill.**

**9.4.2 Is-Sindku qal li fil-viċin jista jkun li se jkolna direttiva li rridu nibdew nilbsu l-maskri. Huwa tal-idea li peress li bħalissa l-maskri għadhom bi prezz tajjeb u hekk toħroġ din id-direttiva żgur se jgħollu l-prezzijiet. Huwa qal li jkun ġest sabiħ li nixtru maskra għal kull anzjan.**

**Il-Kunsill qabel li nippruvaw naraw x'hemm fis-suq u hekk possibli nippruvaw nixtru re-usable masks dejjem jiddependi fuq il-prezz.**

**9.4.3 Is-Sindku qal li qed nżommu sewwa l-paġna tal-Kunsill fuq Facebook, il-paġna qed tkun aġġornata u provdejna ukoll l-*Helpline* fejn bdejna niddereġu lir-residenti fejn għandhom jċemplu skond l-għajnuna li jkollhom bżonn u din intlaqet tajjeb ħafna mir-residenti.**

**9.4.4 Is-Sindku qal li hekk jistgħu forsi jsibu lil xi ħadd biex ntellaw fuq s-*social media* xi tisjir differenti jew xi *keep fit videos*. Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li se tipprova ssib *contact no* ta' xi ħadd li jagħmel il-*Pilates*. Il-Viċi Sindku Oriana Calleja issuġġeriet li nagħmlu xi kompetizzjonijiet bejn ir-residenti u qablu forsi fil-laqgħa li jmiss ġġibilna xi ideat bħal tpenġija jew *crafts*.**

## 9.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

**9.5.1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat saqsa kemm ġewna l-ispejjeż tal-perit fuq iż-żewġ proġetti ta' Triq il-Ħalġ u Triq Abate Rigord.**

**Gie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv tikkalkula eżatt l-ispejjeż tal-proġetti kemm swew kif ukoll l-ispejjeż tal-perit fuq il-proġetti u tibgħathom f'email lill-Kunsilliera kollha.**

**9.5.2 Il-Kunsillier Eugenio Muscat saqsa hekk kienx sar progress rigward il-Ġemellaġ tal-Greċja.**

**Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li tista tgħaddielna dettalji u naraw hekk għadhomx interessati u nuruwhom li minn naħa tagħna għadna interessati.**

**9.5.3 Il-Kunsillier Eugenio Muscat saqsa kif ġew magħżulien it-toroq ta' meta ġew jiffumigaw. Is-Sindku qallu li dawn ma settawx jagħmlu kollha f'daqqa imma se jduru kullimkien.**

## 9.6 Rapport Amministrattiv;

**9.6.1 Is-Sindku, Viċi Sindku u Kunsilliera qablu li ssiru l-korrezzjonijiet meħtieġa u nibgħatielhom e-mail.**

## 9.7 Staff Performance;

**9.7.1 Is-Sindku qal li peress li rċevejna direzzjoni biex naħdmu bi *skeleton staff*, provdejna l-*equipment* kollu lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv u lis-Segretarju Eżekuttiv biex ikunu jistgħu jaħdmu mid-dar. Sfortunatament ma stajniex nagħmlu l-istess lill-iskrivan minħabba li l-uffiċini għadhom miftuħin. L-idejali kienet li kieku l-iskrivan jista jagħmel xogħol tal-oħrajn konna nagħmlu *rotation roster* u jidħlu l-ħaddiema skond ir-*roster* li jkollhom.**

**Iżda minn mindu bdiet il-COVID-19 l-iskrivan s-Sur Aris-John Fenech ċempel biex jieħu *sick leave* u ġab certifikat għal ħmistax, daħal ġimgħa u reġa cempel ħmistax oħra *sick*. Ma provdiex ċertifikat, għaldaqstant se jinqatawlu mil-*vacation leave*.**

**F'dawn iż-żminijiet kellha tirriplesjah is-Segretarju Eżekuttiv biex il-Kunsill jibqa miftuħ. Minn hawn hekk indunat li xi xogħlijiet li s-Sur Fenech kien qal li għamel ma kienx minnu u hemm ħafna xogħol b'lura. Is-sur Fenech mhux qed juri interess fix-xogħol tiegħu u qed jitrasskura ukoll l-uffiċju. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li kemm il-darba ġibdet l-attenzjoni lis-Sur Fenech, jagħmel jumejn jaħdem tajjeb imma jerġa jisslakja.**

**Il-Kunsill qabel li noħorġulu *written warning* fuq traskuraġni u fuq xogħlijiet ta' *tasks* li suppost għamel u m'għamielhomx.**

## 9.8 *Banner*;

**9.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*banner* li nużaw fl-*event* ta' *Connecting Through Culture* hija mitlufa.**

**Il-Kunsill qabel li nixtru oħra.**

## 9.11 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsilli Lokali li jkunu meħtieġa;

**9.11.1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat propona li fid-dawl li qed ssiru ċertu proġetti li nibdew nħarsu lejn strutturi biex issiru xi xogħlijiet ta' manutenzzjoni l-kurudna ta' fejn hemm il-bandiera.**

**Il-Kunsill qabel.**

**9.11.2 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti irraportat li l-*hetching* li hemm fejn il-bandiera rrid jitbaxxa ħafna minħabba li qed ikun *blind spot* meta tkun għaddej bil-karozza u qed tkun perikoluża.**

**Il-Kunsillier Eugenio Muscat issuġġerrixxa li neħħuhom, is-Sindku Max Zammit ma qabilx minħabba li n-nies jibdew jaqsmu minn hemm hekk u tiġi ta' periklu iktar.**

**Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qed tissueġġerriexi li nagħmlu kullimkien *flower bed* jew naraw nsibux ideat differenti.**

**Il-Kunsill qabel li nġibu ideat differenti u filkas nagħmlu *budget* għalihom.**

**Is-Sindku qal ukoll li ha jipprova jirranġa biex din il-biċċa jibdew jieħdu ħsiebha l-ELC għalkemm qal li huma ma jqisux li dik it-triq hija triq arterjali.**

**Il-Viċi Sindku Oriana Calleja qalet li sakemm ikollna risposta mingħand is-Sindku l-*hetching* nibqu nizbrugħ u nħalluh baxx kemm nistgħu.**

**9.11.3 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li hija kienet ippreparat l-emails biex jibdew jintbgħatu lil Ambaxxata biex nibdew naħsbu għal *event Connecting Through Culture* imma minħabba l-COVID-19 peress li lanqas ma nistgħu nagħmlu data qeda mweħħla.**

**Is-Sindku qal biex nippruvaw naħsbu f'xi ħaġa innovativa biex xorta waħda nwaslu il-messaġġ ta' diversita li nwasslu kull sena imma b'mod differenti bħal ngħidu aħna nagħmluha *online*.**

**Il-Kunsill qabel li jekk nibqu fis-sitwazzjoni li qegħdin nippruvaw nagħmluha *online* u jekk il-quddiem jitnaqsu l-miżuri u nkunu nistgħu nagħmlu *event* ssir l-*event* bħas-snin ta' qabel.**

## 9.12 Rapporti mil-Kunsilliera;

**9.12.1 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li s-*soft areas* li hemm quddiem Blk F1 qatt ma jneħħu ħaxix ħażin, ma jsirux fjuri u lanqas jeqilbu l-ħamrija. Hija qalet li ġieli narawa tajba għax ir-residenti jieħdu ħsiebha huma.**

## 9.13 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir l-Erbgħa 27 ta' Mejju 2020 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Il-laqgħa intemmet fit-tminja u nofs ta' filgħaxija.**

**Konfermati llum l-Erbgħa 27 ta' Mejju,2020.**

| | |
|---|---|
| **Max Zammit** | **Yasmine Tonna** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**8.4**